**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 252/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**Vs**

**Mark Scerri**

**Illum 3 ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mark Scerri**, iben Joseph u Maria Rosaria neè Thomas, imwieled il-Pietà fl-1 ta' April 1977 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 178977M, talli nhar it-8 ta' Ġunju 2020, minn ġewwa garaxx bin-numru 47, fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Stephen Fenech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' Stephen Fenech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja LL.D., nhar is-17 ta' Diċembru 2019, f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra, kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kkommetta reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata 20 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Mark Scerri u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, kif ukoll tordna li s-somma ta' €7,000 bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) f'każ ta' ħtija, jekk ikun il-bżonn, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Mark Scerri jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 38 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' Stephen Fenech mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Ġunju 2020[2] u ta' l-24 ta' Ġunju 2020[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SF1" sa' Dok. "SF7" a fol. 83 sa' 89 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC702 Adrian Briffa[4], ta' Nebojsa Zakic[5] u ta' PS1482 Bjorn Schembri[6] mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2020 u rat id-dokumenti esebiti minn PC702 Adrian Briffa markati Dok. "X" a fol. 71 tal-proċess u Dok. "AB1" sa' Dok. "AB8" a fol. 72 sa' 79 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn PS1482 Bjorn Schembri markati Dok. "BS1" sa' Dok. "BS3" a fol. 97 sa' 101 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia[7], in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ta' PC1458 Malcolm Fenech[8] u ta' l-Ispettur Hubert Cini[9] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC" a fol. 118 sa' 121 tal-proċess u d-dokument esebit mill-Ispettur Hubert Cini markat Dok. "HC" a fol. 123 sa' 128 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Helenio Galea[10], in rappreżentanza tal-

---

[1] Fol. 40 tal-proċess.

[2] Fol. 54 sa' 58 tal-proċess.

[3] Fol. 80 sa' 82 tal-proċess.

[4] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.

[5] Fol. 90 sa' 93 tal-proċess.

[6] Fol. 94 sa' 96 tal-proċess.

[7] Fol. 117 tal-proċess.

[8] Fol. 122 u 123 tal-proċess.

[9] Fol. 124 tal-proċess.

[10] Fol. 135 tal-proċess.

Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u ta' l-Ispettur Alfredo Mangion[11] mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Alfredo Mangion markati Dok. "AM1" sa' Dok. "AM6" a fol. 142 sa' 155 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joseph Scerri mogħtija waqt is-seduti tad-29 ta' Settembru 2020[12] u ta' l-20 ta' Novembru 2020[13], u rat ir-ritratt esebit mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 markat Dok. "GVX" a fol. 141 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020[14] u x-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech mogħtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Mejju 2021[15] u tat-18 ta' Ottubru 2021[16], u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Gianluca Bezzina[17] u ta' Rachel Ciantar[18] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021 u rat id-dokument esebit minn Rachel Ciantar markat Dok. "RC" a fol. 188 tal-proċess,

Rat n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 30 ta' Ottubru 2020[19], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 22(1)(2)(3) u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoi 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 31, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021[20], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat ir-Rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech ippreżentati fit-18 ta' Diċembru 2020[21], fil-11 ta' Marzu 2021[22], fit-8 ta' Lulju 2021[23], fl-1 ta' Ottubru

[11] Fol. 139 u 140 tal-proċess.

[12] Fol. 136 sa' 138 tal-proċess.

[13] Fol. 162 tal-proċess.

[14] Fol. 161 tal-proċess.

[15] Fol. 170 sa' 173 tal-proċess.

[16] Fol. 192 sa' 196 tal-proċess.

[17] Fol. 184 u 185 tal-proċess.

[18] Fol. 186 u 187 tal-proċess.

[19] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

[20] Fol. 166 tal-proċess.

[21] Fol. 163 u 164 tal-proċess.

[22] Fol. 168 u 169 tal-proċess.

[23] Fol. 181 u 182 tal-proċess.

2021[24], fl-1 ta' Frar 2022[25], fil-11 ta' April 2022[26], fil-21 ta' Ġunju 2022[27], fit-30 ta' Settembru 2022[28], fit-28 ta' Jannar 2023[29], fl-24 ta' Novembru 2023[30] u fid-29 ta' Novembru 2023[31];

Rat li b'Digriet datat 30 ta' Novembru 2021[32], il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-imputat sabiex ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Rat in-Nota tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ppreżentata fit-18 ta' Frar 2025[33] u mill-ġdid fit-2 ta' April 2025[34], permezz ta' liema għarraf lill-Qorti li l-Bord għalaq il-każ ta' l-imputat b'suċċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2025[35] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "ST1" sa' Dok. "ST3" a fol. 281 sa' 283 tal-proċess;

Rat id-Digriet mogħti ai termini ta' l-Artikolu 8(6) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, datat 8 ta' April 2025[36];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li hija tistrieh fuq l-atti proċesswali u semgħet is-sottomissjonijiet finali da parte tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-8 ta' Ġunju 2020, minn ġewwa garaxx bin-numru 47, fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Stephen Fenech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' Stephen Fenech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix

[24] Fol. 189 u 190 tal-proċess.

[25] Fol. 209 u 210 tal-proċess.

[26] Fol. 212 u 213 tal-proċess.

[27] Fol. 241 u 242 tal-proċess.

[28] Fol. 246 tal-proċess.

[29] Fol. 250 u 251 tal-proċess.

[30] Fol. 262 u 263 tal-proċess.

[31] Fol. 264 u 265 tal-proċess.

[32] Fol. 199 sa' 206 tal-proċess.

[33] Fol. 277 tal-proċess.

[34] Fol. 284 tal-proċess.

[35] Fol. 280 tal-proċess.

[36] Fol. 286 u 287 tal-proċess.

€250 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja LL.D., nhar is-17 ta' Diċembru 2019, f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra, kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli kkommetta reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata 20 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; (5) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 30 ta' Ottubru 2020[37], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 22(1)(2)(3) u 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoi 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 31, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**Stephen Fenech**[38], l-allegat vittma f'dawn il-proċeudri, xehed illi huwa panel beater u sprayer u għandu garage fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi. Stqarr illi fit-8 ta' Ġunju 2020 huwa safa misruq, fis-sens illi *insterquli flus kontanti mill-kaxxa tal-flus minn ġol-kexxun ta' l-uffiċċju personali tiegħi* u nduna b'din is-serqa għaliex *mort inħallas l-Vat u l-bolol għand l-accountant tiegħi. ... Peress li jiena ma inħallashomx fid-dipartimenti tal-gvern imma nħallas il-flus għand l-accountant tiegħi, hu dejjem jagħtini rċevuta minn tiegħu biex ikolli x'nuri li jiena ħallasthom sakemm nirċievi l-irċevuta oriġinali tal-Gvern. Din l-irċevuta li tani l-accountant kienet f'idi u l-ewwel ħaġa li għamilt kienet li mort biex nerfagħha fl-uffiċċju tiegħi għaliex mhux oġġett li se nħallih jiġri. Kif mort biex nerfagħha, il-kexxun rajtu illi ma kienx f'postu u dak il-ħin għedt forsi kellu bżonn xi biro l-kollega tiegħi imma għidt biex tiftaħ il-kexxun m'għandekx għalfejn tkissru. F'daqqa u l-ħin imbagħad irrealizzajt illi l-kaxxa ma kinitx qiegħdha hemmhekk. ... Kaxxa sewda tal-ħadid u kienet ibboldjata mal-kexxun. Allura ovvja biex ħa l-kaxxa kellu jkisser il-kexxun.*

---

[37] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2020, fol. 54 sa' 58 tal-proċess.

Mistoqsi kemm kellu flus f'din il-kaxxa, Stephen Fenech wieġeb *€3,150 … Kien hemm €1,000 ġo envelope għalih waħdu u kien hemm miktub "Volvo" fuqu għaliex kienu deposit għall-parts ta' karozza Volvo, kien hemm €1,900 ġo envelope li ma kien hemm miktub xejn fuqu, kien hemm €100 ġo envelope li kellu mitkub "auto paint" fuqu, kien hemm €100 oħra ġo envelope li kellu miktub "Kia deposit" jew "Kia parts" fuqu u kien hemm €50 oħra ġo envelope ieħor u kien hemm miktub fuqu "Reuben AC" għaliex kienu ta' l-aircondition. … Dak kollu li kien hemm ġol-kaxxa. Kien hemm cheque book tal-BOV li niftakar u kien hemm xi coins tal-flus ukoll li ovvjament dawk mhux se noqgħod ngħoddhom.* Għalkemm huwa ma għandux sistema ta' CCTV cameras installata fil-garage tiegħu, Stephen Fenech stqarr illi faċċata tiegħu kien hemm cameras u mill-filmati *jidher Mark li huwa dan il-persuna mija fil-mija li hawn fl-awla. … L-ewwel, Mark għadda bil-karozza. … Renault Megane blu, minn dawk ta' wara ikraħ ngħidulhom aħna għaliex ix-shape tagħhom għandhom wara ikraħ u ngħidulhom hekk għaliex ovvjament il-linja tiegħi hija fuq il-karozzi. Dar round the block, ipparkja, għadda bil-mixi u l-garaxx ta' ħdejja eżatt kien magħluq u ta' qablu kien miftuħ imma kien hemm ħafna nies ġo fih allura biex taljena ħafna nies mhijiex daqshekk komda. Il-garaxx l-ieħor kien magħluq u fil-garaxx tiegħi kien hemm il-lavrant waħdu dak il-ħin għaliex kif għidtlek jiena mort għand l-accountant. In the meantime, il-lavrant daħal sat-toilet u t-toilet qiegħed fuq in-naħa ta' wara. Fil-filmat jidher ċar illi Mark kien qiegħed iħuf hemmhekk. Dan daħal u l-ewwel kexxun li fetaħ kien the right one. Uża l-baskett tal-ħobż tiegħi biex il-kaxxa tefagħha fih u jidher ċar fil-filmat … ħiereġ bil-baskett tiegħi u l-injama ma qagħditx għaliex meta qaċċat il-kexxun tqaċċtet biċċa kbira u ma qagħditx fil-baskett. L-injama qiegħda barra mill-baskett għaliex ma daħlitlux kollha ġol-baskett.*

Fir-rigward tal-kexxun fejn kienet tinsab din il-kaxxa bil-flus, Stephen Fenech stqarr illi *ma setax jidħol il-kexxun għaliex qabbżu minn postu, mhux bħal meta tagħlqu normali. Il-kaxxa fuq naħa waħda kienet ibboldjata mal-kexxun … mal-ġenb. Allura hu ovvja, il-boldijiet ma ħallhomx għaliex biex tħollhom trid tiftaħ il-kaxxa u tħollhom minn hemm. Allura hu qaċċat il-kaxxa minn postha. … il-kexxun kien imqaċċat.* Fenech stqarr li apparte dan il-kexxun, ma kienx hemm ħsarat oħra.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2020, Stephen Fenech ippreżenta numru ta' ritratti li juru l-garaxx tiegħu kif ukoll il-kxaxen ta' l-iskrivanija, inkluż il-kexxun li ġie sgassat u li fil-frattemp kien irranġah - Dok. "SF1" sa' Dok. "SF7" a fol. 83 sa' 89 tal-proċess.

**PC702 Adrian Briffa**[39] xehed illi *nhar id-9 ta' Ġunju 2020 ġejt infurmat li l-ġurnata ta' qabel, cioè fit-8 ta' Ġunju 2020, kienet seħħet serqa ġo garaxx ta' sprayer, Stephen Garage, li jinsab fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi. Jiena mort fuq il-post fejn tkellimt mal-kwerelant, ċertu Stephen Fenech, li qal li dakinhar tat-8 ta' Ġunju għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs kien telaq mill-garaxx u ħalla l-lavrant waħdu fil-garaxx tiegħu, fejn hemmhekk ġiet persuna li ma kienux jafu min hi, daħlet fil-garaxx u daħlet fl-uffiċċju, sgassat kexxun, ħadet ammont ta' flus, tefgħathom ġo baskett partikolari li jinsab ġo l-uffiċċju ta' kulur abjad u aħmar u*

[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2020, fol. 68 sa' 70 tal-proċess.

*telaq minn fuq il-post. Kif kont hemmhekk jiena għamilt spezzjoni fl-inħawi għal CCTV fejn innutajt CCTV partikolari li ser tattira l-investigazzjoni u hemmhekk tkellimt ma' sid is-CCTV u minnhekk ġbit kopja għal aktar investigazzjoni* - il-kopja tal-filmat ġiet esebita minn PC702 Adrian Briffa bħala Dok. "X" a fol. 71 tal-proċess. Minn dan il-filmat ħareġ ukoll numru ta' stills li ġew minnu esebiti bħala Dok. "AB1" sa' Dok. "AB8" a fol. 72 sa' 79 tal-proċess.

Dwar x'ra fuq il-filmat, PC702 Adrian Briffa stqarr *meta rajt il-filmat imbagħad dehret vettura tat-tip Renault Megane blue bin-number plate IBR863 fejn fl-14:41hrs dehret għaddejja bil-mod minn Triq ir-Ragħaj quddiem il-garaxxijiet ta' l-isprayers, 14:43hrs terġa' tieqaf ftit 'l isfel mill-garaxx tad-derubat, 14:44hrs tdiher persuna ta' statura qawwija li kien liebes flok griż u shorts iswed li minn investigazzjoni rriżulta li kien Mark Scerri* - illi huwa għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri - *u f'14:45hrs jasal quddiem il-garaxx, jieqaf barra, jidħol fil-bokka tal-garaxx imbagħad jidħol ġewwa u mbagħad 14:45hrs jidher ħiereġ b'baskett li l-kwerelant kien semma' u jitlaq minn fuq il-post bl-imsemmija vettura.* Dwar il-filmat, PC702 stqarr li l-ħin tad-DVR u tal-filmat huma *real time*. Stqarr ukoll li l-Pulizija waslu għall-imputat għar-raġuni li l-vettura msemmija hija reġistrata f'isem missieru, u konsegwentement mill-investigazzjonijiet tagħhom waslu għall-imsemmi imputat.

**PS1482 Bjorn Schembri**[40] xehed illi *fit-8 ta' Ġunju 2020, għall-ħabta tal-15:45pm, irċevejna telefonata mingħand ċertu Stephen Fenech fejn qalilna li xi ħadd mhux magħruf kien seraqlu xi flus minn ġo desk minn ġol-garaxx tiegħu. Aħna morna fuq il-post, rajna l-mejda li kienet sgassata u ħadt ir-ritratti* - dawn ġew minnu esebiti bħala Dok. "BS1" u Dok. "BS2" a fol. 97 tal-proċess. Dwar ir-ritratti jgħid li *hawnhekk jidher li hawn kexxun li kellu xi ħsarat u hawn ġew kien hawn kaxxa tal-flus li ġiet meħuda b'kollox. ... dan skond x'qalli l-kwerelant Stephen Fenech. Imbagħad aħna rajna sistema tas-sigurtà li hemm faċċata ftit 'l isfel mill-garaxx fejn seħħet is-serqa u osservajna li kien hemm vettura. L-ewwel osservajna raġel miexi b'pass kalm u dieħel fil-garaxx imbagħad ħareġ il-barra b'baskett f'idu u daħal ġo vettura.* Is-Surġent Schembri għaraf lill-imputat bħala dan ir-raġel li ra dieħel fil-garaxx ta' Stephen Fenech. Huwa stqarr illi l-vettura kellha numru ta' reġistrazzjoni IBR-863 u mill-investigazzjonijiet irriżulta li kien jagħmel użu minnha l-imputat. PS1482 esebixxa wkoll rapport tal-Pulizija dwar il-każ markat Dok. "BS3" a fol. 98 sa' 101 tal-proċess.

Dak affermat minn PS1482 Bjorn Schembri ġie kkoroborat u kkonfermat minn **PC1458 Malcolm Fenech** illi xehed waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020[41], kif ukoll mill-**Ispettur Alfredo Mangion** illi xehed waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020. Fl-imsemmija seduta l-Ispettur Mangion ippreżenta numru ta' stills mill-filmat ta' CCTV cameras li ġie viżjonat mill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tagħhom - Dok. "AM1" sa' Dok. "AM4" a fol. 142 sa' 145 tal-proċess - u ppreżenta ukoll żewġ sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Scerri" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

---

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2020, fol. 94 sa' 96 tal-proċess.

[41] Fol. 122 u 123 tal-proċess.

presjeduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud fit-3 ta' Lulju 2019, Dok. "AM5" a fol. 146 sa' 152 tal-proċess, u "Il-Pulizija v. Mark Scerri" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fl-20 ta' Ġunju 2019, Dok. "AM6" a fol. 153 sa' 155 tal-proċess. Huwa in oltre żied illi *Mark Scerri ġie arrestat dakinhar tad-9 ta' Ġunju 2020* - in forza ta' Mandat ta' Arrest maħurġa mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli - *fejn ġiet ukoll meħuda stqarrija bil-miktub ġewwa l-uffiċċju tiegħi wara li l-istess Mark Scerri ngħata d-drittijiet tiegħu u s-solitu twissija kif ukoll id-dritt illi jinforma Avukat kif ukoll l-Avukat ikun preżenti waqt l-istqarrija tiegħu, liema drittijiet huwa rrifjuta. L-imsemmija stqarrija ittieħdet ukoll fil-presenza ta' PC1430 Colten Grech Micallef u tul l-istqarrija Mark Scerri għażel li ma jweġibx għall-maġġoranza tad-domandi magħmula lilu.* L-Ispettur Mangion ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat meħuda fl-10 ta' Ġunju 2020 li tinsab a fol. 33 tal-proċess u stqarr ulterjorment li in segwitu l-imputat tressaq taħt arrest fil-11 ta' Ġunju 2020, quddiem il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech.

**Nebojsa Zakic**[42], lavrant ma' Stephen Fenech, xehed illi *it was on Monday 8th June 2020 and I went to work like usual. At 7:30a.m. we start working and I work normally until about 14:00p.m. I go to the toilet for not more than 5 minutes, I come back and I didn't notice nothing strange or something that was suspicious and I continued to work. Then Stephen came back to the garage and he asked me if I went into the office and if I touched something from there and I told him that I didn't. He told me that the box was missing.* Zakic ma kienx jaf x'kien fiha din il-kaxxa u kien wara dan l-inċident li huwa sar jaf, Stephen Fenech x'kien iżomm fiha. Anke fir-rigward tal-kexxun huwa ma nduna b'xejn iżda *after when Stephen told me I could see that the piece is missing and the wood was broken. The drawer was inside so I didn't see it before.* Mistoqsi jekk dan il-kexxun issewwiex, huwa wieġeb fl-affermattiv. In kontro-eżami tenna li huwa ma nduna b'xejn u li anke meta jkun qed jaħdem fil-garaxx, l-uffiċċju ta' Stephen Fenech jiġi warajh u allura ma jkunx jista' jarah.

**Stephen Cachia**[43], in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xehed illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBR-863 hija ta' l-għamla Renault Megane u reġistrata fuq Joseph Scerri, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 871151M. Fir-rigward ippreżenta dokumentazzjoni relattiva markata Dok. "SC" a fol. 118 sa' 121 tal-proċess.

**Joseph Scerri**[44], missier l-imputat, stqarr li huwa għandu żewġ vetturi reġistrati f'ismu, waħda Audi u l-oħra Renault, fejn ir-Renault tintuża minn martu u minn ibnu Mark Scerri. Muri ritratt markat Dok. "GVX"[45] huwa kkonferma li l-vettura hemm murija hija tiegħu, iżda mbagħad ippreċiża li tidher bħal tiegħu stante li fir-ritratt in kwistjoni n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura ma jidhirx. Meta Joseph

42 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2020, fol. 90 sa' 93 tal-proċess.

43 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020, fol. 117 tal-proċess.

44 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020, fol. 136 sa' 138 tal-proċess.

45 Fol. 141 tal-proċess.

Scerri reġa' ttella bħala xhud waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020[46], huwa għażel li ma jixhidx kontra l-imputat, tifel tiegħu.

L-**Ispettur Hubert Cini**[47] ppreżenta Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Diċembru 2019, Dok. "HC" a fol. 125 sa' 128 tal-proċess, u fir-rigward xehed illi dan id-Digriet ingħata fil-konfront ta' Mark Scerri li huwa għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri. Stqarr illi dan id-Digriet ingħata fi proċeduri fil-konfront ta' l-imsemmi Mark Scerri, fejn huwa uffiċjal prosekutur u ikkonfermat li fiż-żmien meta ta x-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, dawk il-proċeduri kienu għadhom pendenti u d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest kien għadu in vigore.

**Helenio Galea**[48], in rappreżentanza tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, ikkonferma li fil-25 ta' Lulju 2019, Mark Scerri skonta l-piena ta' sitt xhur priġunerija imposta fuqu b'sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fit-3 ta' Lulju 2019.

**Eunice Grech Fiorini**[49], Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ikkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Scerri" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fit-3 ta' Lulju 2019 - Dok. "AM5" a fol. 146 sa' 152 tal-proċess u "Il-Pulizija v. Mark Scerri" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fl-20 ta' Ġunju 2019.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-8 ta' Ġunju 2020, minn ġewwa garaxx bin-numru 47, fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi, u f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Stephen Fenech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[50] fejn hemm ċitati l-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-elementi tar-reat ta' serq, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta'*

[46] Fol. 162 tal-proċess.

[47] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020, fol. 124 tal-proċess.

[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2020, fol. 135 tal-proċess.

[49] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2020, fol. 161 tal-proċess.

[50] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

*serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia. In fatti ir-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini "presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente". Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Stephen Fenech xehed illi nhar it-8 ta' Ġunju 2020, huwa safa' misruq is-somma ta' €3,500 li kien qed iżomm ġo kaxxa bboldjata mal-ġenb ta' kexxun fl-uffiċċju tiegħu ġewwa l-garaxx li għandu fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi. Stqarr li meta rritorna l-garaxx wara li kien mar għand l-accountant tiegħu, huwa sab kexxun flufficcju tiegħu — li fih appuntu kien hemm ibboldjata din il-kaxxa bil-flus - sgassat u mkisser, u l-kaxxa mhux hemmhekk. Li l-kexxun in kwistjoni kien imkisser bil-mod imfisser minn Stephen Fenech jirriżulta kkonfermat mix-xhieda ta' PS1482 Bjorn Schembri, illi aċċeda ġewwa il-garaxx ta' Fenech dakinhar stess tat-8 ta' Ġunju 2020 u ra l-kexxun imkisser, u mir-ritratti esebiti minnu markati Dok. "BS1" u Dok. "BS2" a fol. 97 tal-proċess.

Mill-filmat esebit minn PC702 Adrian Briffa bħala Dok. "X" a fol. 71 tal-proċess, meħud mis-sistema ta' CCTV cameras faċċata tal-garaxx ta' Stephen Fenech, kjarament jidher u jirriżulta li dakinhar tat-8 ta' Ġunju 2020, għall-ħabta ta' 14:44hrs, l-imputat (li dak il-ħin ma kellu xejn f'idejh) daħal fil-garaxx ta' Fenech fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi, u wara ftit iktar minn minuta hemm ġew, huwa ħareġ b'baskett f'idu b'biċċa injama tisporġi minnu. Stephen Fenech għaraf il-baskett bħala baskett li fih kellu l-ikel tiegħu u għaraf ukoll il-biċċa injama li kienet qed tisporġi minnu bħala parti mill-kexxun li ġie sgassat u mkisser, li magħha kien hemm ibboldjata l-kaxxa bil-flus.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, meta kkunsidrati fid-dawl ta' l-elementi ġuridiċi li jikkostitwixxu r-reat ta' serq, juru lil hinn minn kull dubju raġonevoli li dakinhar tat-8 ta' Ġunju 2020, seħħet serqa a dannu ta' Stephen Fenech u li din is-serqa twettqet mill-imputat.

In kwantu jirrigwarda l-kwalifika tal-valur, stante li l-imputat qed jiġi mixli bir-reat tas-serq aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, Stephen Fenech iddikjara li fil-kaxxa li nsterqet mill-uffiċċju tiegħu kien hemm is-somma ta' €3,500 flus kontanti, flimkien ma' chequebook tal-BOV u xi muniti. Fenech ma llimitax ruħu li jagħti dikjarazzjoni ġenerika ta' x'ammont ta' flus kellu fil-kaxxa iżda, ta rendikont dettaljat ta' x'kellu, ossia *€1,000 ġo envelope għalih waħdu u kien hemm miktub "Volvo" fuqu għaliex kienu deposit għall-parts ta' karozza Volvo, kien hemm €1,900 ġo envelope li ma kien hemm miktub xejn fuqu, kien hemm €100 ġo envelope li kellu mitkub "auto paint" fuqu, kien hemm €100 oħra ġo envelope li kellu miktub "Kia deposit" jew "Kia parts" fuqu u kien hemm €50 oħra ġo envelope ieħor u kien hemm miktub fuqu "Reuben AC" għaliex kienu ta' l-aircondition.* Jiġi osservat li anke meta irrapporta s-serqa mal-Pulizija dakinhar tat-8 ta' Ġunju 2020, Fenech mill-ewwel stqarr li nsterqitlu s-somma ta' madwar €3,000 fi flus.

Il-Qorti tqis li din ix-xhieda hekk dettaljata u preċiża ta' Fenech, li del resto ma ġiet bl-ebda mod kontestata u/jew kontradetta mill-imputat, hija ta' min joqgħod fuqha u tistabilixxi u tipprova sal-grad rikjest mil-Liġi li bħala fatt l-ammont li nsteraq mill-imputat dakinhar tat-8 ta' Ġunju 2020 minn ġewwa l-garaxx ta' Stephen Fenech fi Triq ir-Ragħaj, Ħal-Qormi, kien ta' €3,500.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tqis li bil-provi minnha prodotti l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' Stephen Fenech u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, liema ħsara ma tiskorrix €250 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni wkoll tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[51] in kwantu hemm indikat l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif già iktar 'l fuq osservat, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li fil-kors tas-serqa a dannu ta' Stephen Fenech ġie sgassat u mkisser kexxun (il-kexxun fejn kien hemm il-kaxxa bil-flus). Mix-xhieda ta' Stephen Fenech u ta' Nebojsa Zakic jirriżulta li dan il-kexxun issewwa iżda, mill-provi prodotti mkien ma jirriżulta kemm kienu jiswew dawn it-tiswijiet.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra, Appell Kriminali 272/02** deċiża fl-24 ta' Frar 2003, *fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jingħad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tiġi determinata l-ħsara għall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali, (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodiċi) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem biżżejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leża tgħid kemm effettivament ħallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oġġett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara.*

Fil-każ in eżami Stephen Fenech ma ressaq l-ebda rċevuta li turi kemm ħallas biex issewwa l-kexxun in kwistjoni u għalkemm il-Qorti għandha in atti ritratti ta' dan il-kexxun, hija ma tistax *marte proprio* tiddetermina kemm setgħet ġiet tiswa t-tiswija ta' din il-ħsara peress illi fl-ewwel lok il-kexxun *per se* hija ma ratux u b'hekk ma tistax tgħid eżatt x'tip ta' tiswija kellha ssir u fit-tieni lok hija ma tifhimx biżżejjed biex tista' tiddetermina hi l-valur tat-tiswija. Lanqas ma ġie nkarigat Perit sabiex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tħoss li fin-nuqqas tal-prova dwar id-dannu, l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

F'dan il-każ il-Qorti lanqas tista' tikkonsidra jekk l-imputat jistax u għandux jinstab ħati tar-reat ta' ħsara volontarja inqas gravi iżda kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana billi anke fil-każ tas-subparagrafu (d) ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat huwa marbut ma' valur: *Kull min, b'mezzi xort' oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew jgħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel meta jinsab ħati: … (d)* ***jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29),*** *il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet.* F'dan il-każ mhux kwistjoni li d-danni pruvati jammontaw għal inqas minn dawk indikati mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, iżda huwa każ fejn il-*quantum* tad-danni ma ġie bl-ebda mod ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

---

[51] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti ttenni li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta kontrih, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja LL.D., nhar is-17 ta' Diċembru 2019, f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra, kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[52] in kwantu hemm indikat l-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Ispettur Hubert Cini ppreżenta Digriet maħruġ mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Aaron Bugeja, datat 17 ta' Diċembru 2019, permezz ta' liema ngħata l-ħelsien mill-arrest lil Mark Scerri fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Scerri" - Dok. "HC" a fol. 125 sa' 128 tal-proċess. L-Ispettur Cini, *qua* Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri, ikkonferma li dak id-Digriet ingħata fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri. Fost il-kondizzjonijiet imposti bl-imsemmi Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest, hemm il-kondizzjoni li l-imputat *ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest*. L-Ispettur Hubert Cini kkonferma li fiż-żmien tax-xhieda tiegħu, il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat kienu għadhom pendenti u dak id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest kien għadu in vigore.

Ladarba kif osservat iktar 'l fuq l-imputat għandu, fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37 a dannu ta' Stephen Fenech, liema reat seħħ fit-8 ta' Ġunju 2020, għandu jsewgi li l-istess imputat għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, in kwantu kjarament kiser il-kondizzjoni iktar 'l fuq ċitata, imposta fuqu bid-Digriet tal-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef Aaron Bugeja, datat 17 ta' Diċembru 2019.

Bir-**raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli kkommetta reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata 20 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali[53] in kwantu hemm ċitati l-Artikoli 22(1)(2)(3) u 23(1)(a)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta

[52] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

[53] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

L-Ispettur Alfredo Mangion ippreżenta s-sentenza msemmija fir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat bħala Dok. "AM6" a fol. 153 sa' 155 tal-proċess. Mill-konnotati ta' l-imputat f'dik is-sentenza jirriżulta li l-istess ingħatat fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri u fiha ġie deċiż illi *fuq ammissjoni ta' l-imputat Mark Scerri u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Mark Scerri ħati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa' żmien tlett (3) snin mil-lum.*

Ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali Eunice Grech Fiorini kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza.

Ladarba kif osservat iktar 'l fuq l-imputat għandu, fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37 a dannu ta' Stephen Fenech, liema reat seħħ fit-8 ta' Ġunju 2020, għandu jsewgi li l-istess imputat wettaq reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplata piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv tas-sentenza appena ċitata fejn huwa ġie lliberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx tali tip ta' reat fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bil-**ħames imputazzjoni** dedotta kontrih, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Din l-imputazzjoni wkoll tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[54] in kwantu hemm ċitati l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' l-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Alfredo Mangion, ippreżentat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Scerri" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud, fit-3 ta' Lulju 2019 - Dok. "AM5" a fol. 146 sa' 152 tal-proċess. Mill-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri jirriżulta li dik is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri. B'dik is-sentenza l-imputat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tiegħu u ġie *inter alia* kkundannat għall-perijodu ta' sitt xhur priġunerija.

Ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali Eunice Grech Fiorini stqarret illi ma kienx hemm appell minn din is-sentenza u Helenio Galea, rappreżentant tal-Faċilità

[54] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

Korrettiva ta' Kordin, stqarr illi l-imputat kien skonta dan it-terminu ta' priġunerija fil-25 ta' Lulju 2019.

L-Artikolu 49(1) u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor* - Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. *Meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor* - Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ladarba bis-sentenza iktar 'l fuq imsemmija tat-3 ta' Lulju 2019, l-imputat kien ġie ikkundannat għall-perijodu ta' sitt xhur priġunerija effettiva u dik il-piena ġiet skontata fil-25 ta' Lulju 2019, u r-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri, u li tiegħu l-imputat għandu jinstab ħati, twettaq fit-8 ta' Ġunju 2020, isegwi li l-imputat għandu jitqies reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni qed tagħti wkoll l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi. (2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata sa' tmintax-il perijodu.*

Mill-fedina penali[55] ta' l-imputat jirriżulta li huwa ġie misjub ħati u sentenzjat għal perijodi ta' ħabs effettiv għal reati ta' serq diversi drabi u għaldaqstant jirriżulta li huwa għandu jitqies reċidiv anke ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Piena:

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati bl-ewwel u bit-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, inkluż magħhom l-addebitu tar-reċidiva skond il-ħames imputazzjoni dedotta kontrih, ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak provdut fl-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta u dana in vista tal-fatt li l-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga[56] u min-Nota tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ppreżentata fit-18 ta' Frar 2025[57] u

[55] Fol. 4 sa' 30 tal-proċess.

[56] Digriet mogħti fit-30 ta' Novembru 2021, fol. 199 sa' 206 tal-proċess.

[57] Fol. 277 tal-proċess.

mill-ġdid fit-2 ta' April 2025[58], jirriżulta li l-każ ta' l-imputat ma' l-imsemmi Bord ingħalaq b'suċċess.

L-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *fil-każijiet fejn il-Qorti tirċievi rapport imħejji skond is-subartikolu (5) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinstab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja: Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-ordni ta' probaiton jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatt fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga:…*

Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Wayne Borg, Każ Nru. 228/2014** deċiża fil-15 ta' Diċembru 2022, *l-iskop prinċipali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien: "L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan." … Quddiem il-Kumitat Permanenti għall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal-liġi, ngħad ukoll: "…il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt. Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu." Illi dawn il-brani juru biċ-ċar* ***li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tingħata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' priġunerija mandatorju f'każ li persuna tiġi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'suċċess***[59].

Minkejja l-emendi introdotti reċentement in forza ta' l-Att VII ta' l-2025, ma hemmx dubju li l-iskop ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta baqa' l-istess kif imfisser iktar 'l fuq.

[58] Fol. 284 tal-proċess.

[59] Enfasi ta' din il-Qorti.

Mix-xhieda mogħtija minn Dr. Gianluca Bezzina[60] u mill-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech[61], jirriżulta, minn tal-inqas fuq livell ta' probabilità, li r-reati li tagħhom l-imputat għandu jinstab ħati f'dawn il-proċeduri, prinċipalment ir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, u per konsegwenza tal-ksur ta' waħda mill-kondizzjonijiet tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Diċembru 2019, huma prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Dejjem mill-istess xhieda ta' Dr. Bezzina u ta' l-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech, kif ukoll id-diversi rapporti ppreżentati minnu fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u anke mix-xhieda ta' Rachel Ciantar[62], joħroġ ċar li l-imputat qed jagħmel l-almu kollu tiegħu biex jegħleb id-dipendenza fuq id-droga u b'hekk jipprova jirriforma ħajtu. Jirriżulta wkoll li l-każ tiegħu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, intemm b'suċċess.

Il-Qorti għalhekk tqis li piena karcerarja għall-finijiet ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni deotti fil-konfront ta' l-imputat, ma hijiex waħda li tagħmel ġid għar-riforma li l-istess imputat qed jipprova jikseb bl-għajnuna ta' diversi professjonisti li qed jagħtuh l-għajnuna meħtieġa u b'hekk ai termini ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa xieraq li jingħata piena alternattiva.

L-istess però ma jistax jingħad għall-finijiet ta' piena għar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u cioè: u aktar talli kkommetta reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata 20 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Bis-sentenza ta' l-20 ta' Ġunju 2019, il-Qorti già kienet tat lill-imputat l-opportunità li jirriforma ruħu u dana billi minflok ma imponiet piena karċerarja għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u għar-reat ta' ħsara volontarja bl-addebitu tar-reċidiva, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reati oħra punibbli bi priġunerija għal żmien tlett snin mid-data ta' dik is-sentenza. L-imputat minflok ma usufruwixxa mill-opportunità li tatu l-Qorti, wettaq reati oħra u dana ftit inqas minn sena wara li ġie appuntu hekk liberat bil-kondizzjoni li ma wettaqx reati oħra.

Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandux jiġi interpretat u applikat b'mod li persuna li già fi proċeduri separati ngħatat opportunità tirriforma ruħha permezz ta' sentenza alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva, ma tusufruwix minn tali opportunità u tibqa' tippersisti fil-ħajja ta' kriminalità, terġa' u tibqa' tingħata tali opportunitajiet. Li dan l-Artikolu tal-Liġi ma jistax u ma għandux jiġi interpretat b'dan il-mod jirriżulta anke sa' ċertu punt mit-tieni *proviso* ta' l-istess imsemmi Artikolu tal-Liġi. Għalkemm l-imsemmi *proviso* jittratta dwar reati mwettqa wara Ordni mogħti minn Qorti dwar id-Droga skond dak il-provvediment tal-Liġi, il-Qorti tqis li tali *proviso* huwa fih innifsu

[60] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 184 u 185 tal-proċess.

[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2021, fol. 170 sa' 173 tal-porċess, u waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021, fol. 192 sa' 196 tal-proċess.

[62] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 186 u 187 tal-proċess.

indikattiv ta' x'għandha tagħmel il-Qorti meta tiġi ppreżentata quddiemha sitwazzjoni bħal dik odjerna fejn l-imputat ikun ġie mixli wkoll bit-twettiq ta' reat/i waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza fejn ikun ġie lliberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reati oħra li jġorru piena ta' priġunerija.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li in kwantu rigwarda r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, għandha *per forza di cose* tapplika dak provdut fl-Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perijodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti - (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-qorti għal dak ir-reat. (2) Bla ħsara għad-dispożizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi trattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-Artikolu 22(1).*

Għal kull buon fini, għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Glen Borg et**, deċiża fis-27 ta' Lulju 2023: *Dan l-artikolu jagħmilha ċar li meta persuna tagħmel reat waqt li jkun fis-seħħ ordni ta' probation jew liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti "tista'" titratta mal-ħati daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti u l-kelma "tista'" ġiet interpretata mill-ġurisprudenza bħala li ma tħallix diskrezzjoni f'idejn il-Qrati dwar jekk għandhiex titratta mal-ħati jew le. Fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Julian Calleja ingħad: L-appellant għandu wkoll raġun fejn isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx "tagħżel" li ma tittrattax ma' l-imputat għar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu 2013. L-artikolu 23 tal-Kap. 446, bil-kelma "tista'" użata fl-istess artikolu, ma tagħtix xi għażla jew diskrezzjoni lill-Qorti tittrattax jew le lill-persuna konċernata għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni ta' probation iżda l-kelma "tista'" hi intiża sabiex tvesti lill-Qorti b'setgħa, b'vires li altrimenti ma kienx ikollha fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti għalhekk taqbel perfettament mal-insenjament tas-sentenzi indikati mill-appellant Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu u għalhekk din il-Qorti ser tagħti l-provvediment opportun aktar tard f'din is-sentenza. Ukoll, fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Duranovic Coreschi ġie mistqarr: "Ilment ieħor ta' l-appellant hu li ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni li ġiet mogħtija f'xi sentenzi li l-kelma "tista'" fl-artikolu 23 għandha tiġi mifhuma bħala "għandha". Jgħid li prinċipju kardinali fil-liġi penali huwa ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit (u mhux kif qal fir-rikors ta' appell ubi lex dixit, ubi lex voluit). L-appellant isostni li bl-ebda finzjoni legali ma jista' jifhem kif u għalfejn l-użu ta' kelma kostantement utilizzata fil-Kodiċi Kriminali u liġijiet oħra, u li tintuża mil-*

*leġislatur sabiex jagħti ampja mano di scelta lill-Qorti ai fini tad-deċizjoni tagħha, fil-każ ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 ġiet mogħtija tifsira djametrikament opposta għat-tifsira naturali tagħha u allura kontra l-ispirtu tal-liġi stess. In sostenn ta' dak li jtenni l-appellant, huwa jgħid li hemm "varji sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrana fejn anke f'każ ta' ksur ta' sanzjoni komunitarja, jew aħjar fejn iseħħ reat matul l-operazzjoni ta' sanzjoni komunitarja", ġie applikat l-artikolu 21 tal-Kap.446. Jirreferi għal sentenza waħda mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Bertram Zahra. L-ewwelnett, bħalma qalet digà din il-Qorti, fi proċeduri istitwiti minħabba li jkun ġie kommess reat matul il-perijodu ta' probation u fejn allura l-persuna tiġi akkużata ukoll bi ksur tal-probation – speċifikatament li kkommettiet reat waqt tali perijodu – l-artikolu 21 tal-Kap. 446 mhuwiex applikabbli u japplika biss l-artikolu 23 ta' l-imsemmi Kap. 446. Għalhekk dak li ġie deċiż fis-sentenza ċitata mill-appellant huwa irrilevanti. Dwar it-tifsira tal-kelma "tista'", din il-Qorti diversament presjeduta, b'referenza għall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta – liema Kap. ġie sostitwit bil-Kap. 446, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar mogħtija fis-16 ta' Ġunju 1999 kienet qalet: "L-użu tal-kelma sottolineata "tista'" – "may" fit-test Ingliż tal-liġi – ma jfissirx li dik il-Qorti għandha xi għażla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax magħha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilità li dik il-Qorti tagħżel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgħa li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun għadha kif ġiet misjuba ħatja quddiem dik il-Qorti. Għalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista'" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li il-Qorti li tkun għandha tittratta ma' dik il-persuna." U fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Callus mogħtija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Diċembru 2001, intqal: "L-abbli difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma tittrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il-conditional discharge peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 152 juża l-espressjoni '... tista' tittratta ma' dik il-persuna ...', u għalhekk, skond hu, il-kelma 'tista" (may fit-test Ingliż) tindika li l-Qorti għandha għażla, u tista' għalhekk anke ma tittrattax miegħu għall-ksur tal-conditional discharge jew tal-probation order skond il-każ. L-appellat m'għandux raġun f'dan ir-rigward. Kif ġie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar l-użu tal-kelma 'tista" ma jfissirx li l-Qorti għandha xi għażla. Il-kelma 'tista" fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 10(1) in diżamina tfisser biss li l-Qorti li tkun ikollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif ġiet misjuba ħatja quddiem dik il-Qorti." Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika għall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili għall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152. Din il-Qorti żżid tgħid illi ma tistax tingħata interpretazzjoni differenti anke għas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab ħatja dwar reat, il-Qorti m'għandhiex għażla ħlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-liġi għal tali sejbien ta' ħtija, u ċertament m'għandhiex għażla tittrattax miegħu jew le. Skond*

*id-diċitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' (fit-test Ingliż "could") tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat". F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' probation, mela, il-leġislatur qiegħed joħloq finzjoni legali li l-ħati jkun għadu kemm ġie misjub ħati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqiegħed taħt probation. Ladarba jkun "għadu kemm ġie misjub ħati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-ħati ghal tali sejbien ta' ħtija billi tagħti l-piena applikabbli għall-każ, jiġifieri, kif intqal fis-sentenzi preċitati, għandha s-setgħa li tittratta mal-ħati bl-istess mod daqs li kieku għadu kemm ġie misjub ħati.*

Għall-finijiet tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Scerri" deċiżi minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Ġunju 2019, hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat:

A. L-Artikoli 17(b), 49, 50, 261(ċ), 267, 279(b), 289 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, u peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat, is-sorveljanza tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel l-imputat u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

   A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tat-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation impost fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

   Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tas-somma ta' €300 mid-depożitu ta' €1,000 impost fuq l-imputat għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest tiegħu fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Diċembru 2019.

Il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma hijiex se tirrevoka l-imsemmi Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Diċembru 2019 u konsegwentement mhux se tordna r-riarrest ta' l-imputat, **iżda** tagħmilha ċara li fid-dawl ta' l-ordni ta' konfiska appena impost fuq l-imputat, sabiex huwa jkun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Aaron Bugeja datat 17 ta' Diċembru 2019, huwa jkollu jerġa' jagħmel depożitu biex ikopri l-ammont kollu oriġinarjament ordnat f'dak id-Digriet. Fin-nuqqas li jagħmel dan, l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu suġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Il-Qorti tordna lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jikkomunika din id-deċiżjoni lill-Qorti li qed tisma' l-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mark Scerri" li fihom ġie pronunċjat id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 17 ta' Diċmebru 2019.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Stephen Fenech qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitjen Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitejn Euro (€200) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 8(8) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li r-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati b'din il-parti tas-sentenza, u cioè r-reati mertu ta' l-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skond l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perijodu li jkun minimu ta' sena (1) u massimu ta' tlett (3) snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm l-imputat ma jsirx reċidiv.

B. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 22(4) u 23(1)(a)(2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u se tittratta miegħu għar-reati li dwarhom huwa kien liberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ta' natura volontarja li għalih hemm piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' tlett snin bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v.

Mark Scerri" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fl-20 ta' Ġunju 2019, u b'hekk fl-ewwel lok l-ordni għal-liberazzjoni kondizzjonata mogħtija fis-sentenza appena ċitata għandha ttemm milli tkompli sseħħ u filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija ta' l-imputat għall-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu f'dawk il-proċeduri, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(b), 263(a), 264, 278(1), 289 u 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għall-perijodu ta' seba' (7) xhur priġunerija effettiva.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**